# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 530/02/3 ISB**

**H.S.B.C. Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**v.**

**Tal-Barrani Company Limited, Fenech Estates Company Limited (C-3634), Michael Axisa Limited (C-6664), Ludwig Camilleri, dawn l-aħħar tlieta bħala azzjonisti tas-soċjetà Tal-Barrani Company Limited**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-26 ta' April, 2021 magħmula minn Fenech Estates Company Limited taħt l-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

**Daħla**

2. B'ċitazzjoni tad-9 ta' Mejju, 2002, HSBC Bank Malta p.l.c. talbet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara u tordna l-ħall u l-istralċ tal-kumpanija konvenuta Tal-Barrani Company Limited għar-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 214(2)(a)(i)** u **(ii)** u fl-**Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpaniji**;

3. Waqt li kienet miexja din il-kawża ntlaħaq qbil bejn il-partijiet, li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kellha tagħti sentenza parzjali dwar jekk HSBC Bank Malta p.l.c. setgħetx tgħodd lilha nfisha bħala kreditur tal-kumpanija konvenuta Tal-Barrani Company Limited;

4. B'sentenza parzjali mogħtija fl-4 ta' Ottubru, 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li HSBC Bank Malta p.l.c. mhijiex kreditur tal-kumpanija Tal-Barrani Company Limited għaliex il-kreditu tal-Bank ma kienx jiswa minħabba li dan kien magħmul minn imgħax miġmugħ li kien jaqbeż il-kapital;

5. HSBC Bank Malta p.l.c. appellat biex tiġi mħassra din is-sentenza u talbet biex il-Qorti tal-Appell tiddikjara minflok li l-Bank huwa tabilħaqq kreditur tal-kumpanija Tal-Barrani Company Limited fis-somma ta' €64,209 jew għal somma oħra li tiddeċiedi l-Qorti tal-Appell. Fl-aggravji

tiegħu l-Bank fisser li l-impediment tal-*ultra duplum* (imgħax miġmugħ li jaqbeż il-kapital) jgħodd biss għall-obbligazzjonijiet ċivili u mhux għall-obbligazzjonijiet kummerċjali u/jew bankarji;

6. B'sentenza tat-28 ta' Jannar, 2021, il-Qorti tal-Appell qablet ma' HSBC Bank Malta p.l.c. u qalet li r-regola tal-*ultra duplum* ma tgħoddx fejn jidħlu obbligazzjonijiet li ġejjin min-negozji finanzjarji. Għalhekk il-Qorti tal-Appell ħassret dik il-parti tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn qalet li HSBC Bank Malta p.l.c. mhijiex kreditur tal-kumpanija Tal-Barrani Company Limited u ordnat li l-każ jintbagħat lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli l-kawża;

7. Fil-qosor, il-Qorti tal-Appell qalet li skont ir-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)**, li daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 2009, huwa possibli li fuq negozji finanzjarji, jinġabru kemm l-imgħax kompost, kif ukoll imgħax li jaqbeż il-kapital dovut. L-istess Qorti tal-Appell saħqet ukoll li dawn ir-regolamenti ma ħolqux xi norma ġdida iżda ċċaraw biss qagħda legali li kienet ġa magħrufa taħt l-użanzi tal-kummerċ ferm qabel l-2009;

8. Issa b'rikors imressaq fis-26 ta' April, 2021, Fenech Estates Company Limited qiegħda tgħid li din il-Qorti żbaljat il-liġi u żbaljat ukoll il-fatti;

9. Skont Fenech Estates Company Limited din il-Qorti żbaljat il-liġi għaliex skont l-**Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** l-użanza kummerċjali ma tistax tħassar liġi li teżisti, b'dan għalhekk li l-użanza kummerċjali ma setgħetx tabroga l-liġi li kienet tħaddem il-prinċipju tal-*ultra duplum* fl-obbligazzjonijiet kummerċjali. Taħt dan il-profil, Fenech Estates Company Limited tgħid ukoll li din il-Qorti ma setgħetx tħaddem b'lura r-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)** għaliex dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 2009. Iżżid tgħid ukoll li dawn ir-regolamenti lanqas ma setgħu jitħaddmu għall-ħlasijiet li saru wara l-2009 għaliex fil-mument li saru dawn il-ħlasijiet, il-kreditu tal-Bank ġa kien estint minħabba li kien jinkludi biss imgħax li jaqbeż il-kapital. Dejjem marbut ma' dan il-punt ta' tħaddim ħażin tal-liġi, Fenech Estates Company Limited tgħid li din il-Qorti naqset ukoll meta ma qajmitx minn jeddha l-fatt li s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma setgħetx tiġi appellata;

10. Bħala linja sekondarja, Fenech Estates Company Limited saħqet ukoll li din il-Qorti żbaljat il-fatti għaliex kull ħlas li sar lill-Bank wara d-dħul fis-seħħ tar-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax** twettaq meta l-Bank suppost ma kellu l-ebda kreditu favurih;

11. Għalhekk billi skont Fenech Estates Company Limited seħħ

tħaddim ħażin tal-liġi skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u seħħ ukoll għarbiel żbaljat tal-fatti skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija ressqet dan ir-rikors u talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi:

> "*1. Li l-preċitata sentenza tal-Qorti tal-Appell tikkontjeni żball fl-applikazzjoni tal-liġi u anke żball fil-fatt li huma esklużi mid-dokumenti eżibiti u b'hekk tivvjola s-subartikolu 811(e) u (l) tal-Kapitoli 12 u hija f'dan is-sens ritrattabili; u*
>
> *2. tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-liġi biex b'hekk tiġi l-istess kawża deċiża billi jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur waqt li jiġi akkordat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi".*

12. HSBC Bank Malta p.l.c. wieġbet fl-20 ta' Mejju, 2021 u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Fenech Estates Company Limited imissha tiġi miċħuda;

13. Inżamm smigħ fil-15 ta' Novembru, 2022 u wara li din il-Qorti ħadet qies ta' dak li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum dwar din it-talba għar-ritrattazzjoni;

**Konsiderazzjonijiet**

14. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Fenech Estates Company Limited qiegħda tgħid li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2021 hija "*ritrattabili*" għaliex ingħatat fuq tħaddim ħażin tal-liġi u fuq żball ta' fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża;

15. Min-naħa tagħha, HSBC Bank Malta p.l.c. tibda billi twieġeb li din it-talba għar-ritrattazzjoni hija nulla għaliex fir-rikors tagħha Fenech Estates Company Limited naqset milli titlob b'mod speċifiku għat-tħassir tas-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2021;

16. Billi din il-preġudizzjali tista' tmewwet it-talba ta' Fenech Estates Company Limited, huwa xieraq li din il-Qorti tibda minnha;

17. Bħala introduzzjoni tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira dejqa u bla tiġbid jew analoġija (ara ***Mildred Ferando v. Loris Bianchi pro et noe***, Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 u ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et***, Appell Superjuri tat-12 ta' Marzu, 2019);

18. Il-proċedura ta' ritrattazzjoni fiha żewġ stadji: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Paul Pisani et v. Emmanuel Custò et***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007). Fl-istadju *in rescindendo* din il-

Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni (ara ***Kunsill Lokali Mellieħa et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited et***, Appell Superjuri tat-23 ta' Ġunju, 2006). Sewwasew għalhekk ir-rimedju ta' ritrattazzjoni mhuwiex maħsub li jservi bħala xi sura ta' tielet appell, li mhuwiex aċċettat fis-sistema proċedurali Maltija (ara ***Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe***, Appell Superjuri tat-13 ta' Mejju, 2013):

19. Dan kollu meqjus, huwa minnu dak imtenni minn HSBC Bank Malta p.l.c. fir-risposta tagħha, li hemm xi sentenzi tal-qrati li jgħidu li r-rikors ta' ritrattazzjoni għandu jitqies bħala wieħed null u li ma jiswiex jekk fih ma jkunx hemm talba speċifika biex tiġi mħassra s-sentenza attakkata (ara fost oħrajn ***Ronald Aġius et v. Paul Portelli***, Appell Superjuri tas-27 ta' April, 2001, ***Gaetano Fenech v. Maria Pisani***, Appell Superjuri tal-11 ta' Diċembru, 2002, ***Savio Spiteri v. Eucharist sive Chris Cassar***, Appell Superjuri tat-28 ta' April, 2006 u ***Miriam Frendo et v. Agatha Aġius et***, Appell Superjuri tas-7 ta' Ottubru, 2008);

20. Madankollu huwa minnu wkoll li fi żminijiet aktar qrib għal-lum, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Prokuratur Legali Joseph Żammit nomine v. Michael Fenech pro et noe*** deċiża fil-31 ta' Awwissu, 2021 qalet li

rikors għar-ritrattazzjoni m'għandux jitqies null, jekk minflok talba espressa biex tiġi mħassra s-sentenza, ikun hemm talba biex tinkiseb dikjarazzjoni li s-sentenza hija «*ritrattabili*». F'din is-sentenza ngħad li:

> *"talba li saret għal dikjarazzjoni li s-sentenza "hija … ritrattabili" timplika talba għat-tħassir ladarba loġikament it-tħassir tas-sentenza huwa prerekwiżit għas-smigħ mill-ġdid tal-appell. Huma nuqqasijiet sostanzjali li jwasslu għas-sanzjoni ta' nullità, u mhux nuqqas ta' użu ta' kliem sakramentali.";*

21. Sewwasew fil-każ li għandna quddiemna, Fenech Estates Company Limited, ma wżatx il-kliem li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell għandha tiġi mħassra iżda wżat il-kliem li din is-sentenza hija «*ritrattibili*»;

22. Kien ikun aħjar li forsi l-avukat ta' Fenech Estates Company Limited kiteb fir-rikors, li huwa qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell biex joqgħod mal-kliem eżatt imsemmi fl-**Artikolu 811** tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza tista' ssir, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza. Imma mbilli l-avukat ta' Fenech Estates Company Limited kien impreċiż fi kliemu, dan ma jġibx b'daqshekk in-nullità tar-rikors għar-ritrattazzjoni;

23. Wara kollox, HSBC Bank Malta p.l.c. ma ġietx ippreġudikata bil-mod ta' kif inkitbu t-talbiet finali fir-rikors inkwistjoni. Jidher anzi, li HSBC Malta p.l.c. fehmet tajjeb ħafna, li Fenech Estates Company Limited kienet qiegħda bir-rikors tagħha, tfittex li tħassar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannnar, 2021 għaliex hija ressqet tweġiba

mirquma fejn fissret b'mod ċar li m'hemmx raġunijiet fil-liġi għaliex din is-sentenza għandha titħassar;

24. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Richard Attard v. John Rizzo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 2021, is-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat;

25. Fil-każ tagħna, in-nuqqas fir-rikors ta' Fenech Estates Company Limited mhuwiex gravi biżżejjed li għandu jwassal għan-nullità tiegħu. Jiġi b'hekk, li l-preġudizzjali mressqa minn HSBC Bank p.l.c. biex din il-Qorti tiddikjara n-nullità ta' dawn il-proċeduri qiegħda tiġi miċħuda;

26. Il-Qorti tista' tgħaddi issa biex tqis l-ewwel raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Fenech Estates Company taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

27. Talba ta' ritrattazzjoni fuq l-**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** timplika użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor (ara ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba

f'hekk ukoll li l-liġi fl-**Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kienet applikata (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019);

28. Is-sentenza għandha titħassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, i.e. mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***Francesco Saverio Borġ v. Joseph Mallia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021);

29. Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022);

30. Illi fil-każ tal-lum, Fenech Estates Company Limited tgħid li s-

sentenza mogħtija minn din il-Qorti applikat ħażin il-liġi għaliex straħet fuq użanza kummerċjali minflok straħet fuq liġi speċifika u dan bi ksur tal-**Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** li jgħid li l-użu tal-kummerċ ma jistax iħassar jew jieħu post liġi kummerċjali li teżisti. F'dan is-sens Fenech Estates Company Limited tgħid fir-rikors tagħha li l-prinċipju tal-*ultra duplum* dejjem ġie mħaddan bħala parti integrali tal-liġi Maltija sakemm fl-2009 daħlu fis-seħħ ir-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)**;

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti iżda, f'azzjoni ta' ritrattazzjoni ta' sentenza fuq ir-raġuni ta' tħaddim tal-liġi l-ħażina, mhuwiex biżżejjed għal min ikun qiegħed ifittex ir-ritrattazzjoni, li jagħmel dikjarazzjoni ġenerali fis-sens li prinċipju partikolari minn dejjem ġie rikonoxxut bħala liġi mill-ġurisprudenza. Mod ieħor skont l-**Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, dak li jkun huwa marbut li jsemmi eżatt liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kellha tiġi applikata;

32. Kit tajjeb ingħad fis-sentenza ***Victoria Xuereb v. Joseph Refalo et***, Appell Superjuri tal-25 ta' Frar, 2011, meta r-raġuni għar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, ir-ritrattand għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata;

33. F'dan il-każ, Fenech Estates Company Limited ma ndikat l-ebda

artikolu tal-liġi Maltija li jgħid, jew li kien jgħid, li l-prinċipju tal-*ultra duplum* jgħodd għall-obbligazzjonijiet kummerċjali. Għalhekk ladarba Fenech Estates Company Limited ma semmiet l-ebda artikolu tal-liġi, it-talba tagħha għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa għaliex jonqos fiha element essenzjali li l-liġi trid biex din tkun tista' tiġi meqjusa (ara ***Rose Gauċi et v. Mr. Donald Feliċe et***, Appell Superjuri tat-8 ta' Ottubru, 2009, ***Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et***, Appell Superjuri tal-21 ta' Mejju, 2019 u ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard***, Appell Superjuri tat-8 ta' Novembru, 2022);

34. Ma ninsewx hawnhekk li f'paragrafu 33 tas-sentenza, li dwarha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, din il-Qorti qalet li l-liġi Maltija qabel id-dħul fis-seħħ tar-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)** kienet siekta dwar jekk ir-regola tal-*ultra duplum* kinitx tgħodd għall-obbligazzjonijiet imnissla min-negozji finanzjarji. Fil-fatt f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet qalet li skont l-użanzi tal-kummerċ ma kienx hemm xkiel li wieħed jiġbor imgħax miġmugħ li jaqbeż il-kapital;

35. Ifisser għalhekk li fil-kuntest tal-**Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** imsemmi minn Fenech Estates Company Limited fir-rikors għar-ritrattazzjoni tagħha, din il-Qorti fis-sentenza attakkata ma kinitx qiegħda tapplika użanza kummerċjali minflok liġi kummerċjali; imma

kienet qiegħda tapplika l-użu tal-kummerċ għaliex ma kienx hemm liġi kummerċjali li titkellem dwar l-*ultra duplum*;

36. Din il-konklużjoni fis-sentenza attakkata, li ma kienx hemm liġi kummerċjali li titkellem dwar l-*ultra duplum*, kienet titfa' piż akbar fuq Fenech Estates Company Limited biex tindika fejn fil-liġi kummerċjali hemm jew kien hemm imsemmija r-regola tal-*ultra duplum*. Iżda Fenech Estates Company Limited ma kellha l-ħila ssemmi l-ebda artikolu tal-liġi kummerċjali li jitkellem dwar din ir-regola. Jiġi b'hekk, li hi ma rnexxilhiex turi li din il-Qorti fis-sentenza attakkata applikat l-użu tal-kummerċ minflok il-liġi tal-kummerċ;

37. Hekk ukoll, hija lanqas ma wriet li din il-Qorti applikat ir-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)** b'mod retroattiv, ladarba hija ma wrietx li l-liġi kummerċjali jew l-użu tal-kummerċ kienu jirregolaw il-kwistjoni tal-*ultra duplum* b'mod differenti. Anzi l-Qorti kif issa mpoġġija taqbel ma' dak imtenni fis-sentenza attakkata li r-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax** ma daħlux norma ġdida fil-liġi tagħna; iżda ċċaraw biss qagħda legali magħrufa taħt l-użu tal-kummerċ li dwarha qabel ma kienx hemm artikolu speċifiku fil-liġi kummerċjali. Jiġifieri, qabel u wara r-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax** il-pożizzjoni kienet u baqgħet l-istess, *viz*. li r-regola tal-*ultra duplum* ma tolqotx

obbligazzjonijiet ġejjin min-negozji finanzjarji bħalma huma *overdrafts*. Id-differenza hija biss li qabel ir-regolamenti, dan il-prinċipju kien imsejjes fuq l-użu tal-kummerċ; filwaqt li wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti dan il-prinċipju ġie stabbilit bil-kelma tal-liġi;

38. L-ewwel raġuni għar-ritrattazzjoni tas-sentenza msemmija minn Fenech Estates Company Limited għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

39. Fenech Estates Company Limited tgħid ukoll li s-sentenza attakkata jmissha titħassar għaliex din il-Qorti kien messha qajmet minn jeddha l-punt li s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma setgħetx tiġi appellata;

40. Ibda biex, Fenech Estates Company Limited ma elaboratx, la fir-rikors ta' ritrattazzjoni u lanqas waqt it-trattazzjoni bil-fomm fuq liema artikolu tal-liġi hija qiegħda tgħid li l-appell ta' HSBC Bank Malta kellu jitqies bħala null, u għalhekk mingħajr tismija tal-liġi, hija ma tistax titlob ir-ritrattazzjoni ta' appell fuq il-bażi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi;

41. Imma anke kieku stess, din il-Qorti temmen li jekk tassew kien hemm xi nullità fl-appell, dan messu tqajjem minn Fenech Estates Company Limited stess. Fuq kollox, kif tajjeb tgħid HSBC Bank p.l.c. fit-tweġiba tagħha, hija kienet talbet u kisbet il-permess biex tappella mill-

Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Għalhekk jekk kien hemm xi oġġezzjoni dwar jekk setax isir appell jew le, Fenech Estates Company Limited kellha tappella minn dak id-digriet u mhux tippretendi li tkun din il-Qorti li tqajjem il-kwistjoni tan-nullità minflokha. Minn dan id-digriet iżda ma sar l-ebda appell u għalhekk Fenech Estates Company Limited ma tistax tinqeda bir-ritrattazzjoni biex twaqqa' s-sentenza tal-Qorti tal-Appell billi tattakka digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;

42. Ngħaddu issa biex inqisu l-aħħar raġuni għar-ritrattazzjoni, li tinsab mibnija fuq l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

43. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża;

44. L-iżball ta' fatt li skont Fenech Estates Company Limited sar minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata, huwa li kull ħlas li sar lill-Bank wara d-dħul fis-seħħ tar-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax** twettaq meta l-Bank suppost ma kellu l-ebda kreditu favurih, għaliex dak li tħallas kien imgħax li kien jaqbeż il-kapital;

45. Aktar 'il fuq però rajna li l-pożizzjoni legali ta' qabel u wara r-**Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax** kienet u baqgħet l-

istess, jiġifieri li l-Bank seta' jiġbor imgħax kompost li jaqbeż il-kapital. Jiġi b'hekk, li mhux minnu li din il-Qorti żbaljat il-fatti meta tat is-sentenza tagħha u għalhekk anke din l-aħħar raġuni għar-ritrattazzjoni qiegħda tiġi miċħuda;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li qiegħda tiċħad il-preġudizzjali mqajma minn HSBC Bank p.l.c. dwar in-nullità tar-rikors ta' ritrattazzjoni, qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Fenech Estates Company Limited għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 2021, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm